**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum is-6 ta' April 2022**

**Kaz. Nru; 183-16**

**IL-PULIZIJA**

**-vs-**

**ANTHONY CAMILLERI**

**(Karta tal-identita' 228266(M))**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Anthony Camilleri**, ta' 53 sena, bin Saviour u Josephine nee' Saliba, imwieled gewwa Attard nhar il-25 t'April 1966, residenti fil-fond bl-isem 'Il-Maxtura', Triq il-Madliena, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 228266(M), akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' Frar 2020 ghall habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu (10.45hrs) u fil-granet, gimghat u fix-xhur ta' qabel gewwa Wied Qirda, l/o Haz-Zebbug (Malta) b'diversi atti maghmula minnek fi zminijiet differenti , li jiksru l-istess disposzizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghlmul b'rizoluzzjoni wahda wara li kien gie notifikat b'ordni ghal waqfien jew ordni ta' konformita' jew ordni ohra taht l-artikolu 76 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u cioe' Ordni ta' Waqfien u ta' konformita' OWK 0071/19 mahruga fil-15 ta' Novembru 2019 naqas milli jhares xi wahda mill-esigenzi ta' dak l-avviz fiz-zmien specifikat fih, u cioe' peress li ma waqafx immedjatament mill-attivita' u dan bi ksur ta' l-artikolu 84(1)(c) tal-Kap. 549 tal-Ligijiet ta' Malta; u

> Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi taht il-proviso ta' l-artikolu 84(1) tal-Kap. 549, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021;

Rat li fl-udjenza tal-31 ta' Awwissu 2021, il-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti hekk kif preseduta milli terga' tisma' mill-gdid dawk il-provi li kien gia nstemghu quddiem dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti, il-prosekuzzjoni ressqet biss lil **Stanley Gatt** li xehed in rapprezentanza tal-*Compliance and Enforcement Directorate* fi hdan l-*Environment and Rescources Authority* (ERA). Huwa spjega li fit-28 ta' Ottubru 2019 kien ircieva nformazzjoni li kienu qeghdin isiru xi xoghlijiet gewwa Wied il-Qirda. Huwa kien baghat lil Stefan Azzopardi u Graziella Tabone sabiex jaghmlu spezzjoni fuq il-post, mil-liema spezzjoni kien irrizulta li fis-sit immarkat bl-ahmar fuq id-dokument 'SG1':

> *"kien sar twessija tat-triq, tnehhija tal-vegetazzjoni, skavar tal-qigh tal-wied u anki l-kostruzzjoni ta' retaining wall bil-globigerina limestone blocks ma' genb il-wied f'kaz illi bidel it-topografija u anki l-ekologija tal-post."*

In sostenn ta' dan huwa prezenta numru ta' ritratti immarkati bhala dok. 'SG3'.

Spjega ukoll li Wied Qirda ilu minn Ottubru tat-2019 imhares bhala *special area of conservation* (SAC) u f'dan ir-rigward huwa ezebixxa estratt tal-Gazzetta tal-Gvern illi bis-sahha tieghu dan is-sit kien gie hekk iddikjarat. Dan id-dokument kien gie immarkat bhala 'SG2'.

Gatt iddikjara ukoll li nhar id-29 ta' Ottubru 2019 huwa flimkien ma Stefan Azzopardi ghamel verifiki interni bil-ghan li jiddetermina jekk kienx hemm xi permessi min-naha tal-ERA dwar l-imsemmi zvillup. Minn dawn il-verifiki kien irrizulta li Environmental Permits mahrugin taht il-*Flora Fauna and Natural Habitats Regulations* illi jharsu dawk is-siti bhala SAC ma kinux jezistu. Madanakollu jikkonferma li lura f'Novembru tal-2018 (jigifieri sena qabel) kienet saret talba minn Infrastructure Malta sabiex isiru interventi f'dan il-Wied

u kienu adirittura ntbaghat ukoll *Method Statement* ghal dawn ix-xogholijiet[1]. F'din il-korrispondenza min-naha ta' *Infrastructure Malta* kien gie ddikjarat li dawn ix-xogholijiet kienu necessarja minhabba ragunijiet ta' sahha pubblika ghaliex it-triq kienet qeghda iccedi. L-ERA talbet lill-Infrastructure Malta numru ta' klarifikazzjonijiet ghaliex fil-fehma taghhom (ERA) ix-xoghlijiet li xtaqu jaghmlu Infrastructure Malta kienu izjed estensivi minn dawk li kienu necessarji. Gatt jghid li l-ERA qatt ma rceviet risposta minghand Infrastructure Malta. Gie spjegat ukoll li minhabba din il-korrispondenza tqajjem suspett li dawn ix-xoghlijiet setghu gew ikkummissjonati minn Infrastructure Malta. Fid-29 ta' Ottubru 2019 l-Infrastructure Malta kkonfermaw fuq talba tal-ERA li dawn ix-xoghlijiet kienu gewwa kkummissjonati minnhom (referenza ghal dok. SG6).

Gatt jiddikjara ukoll li fl-14 ta' Novembru 2019, saret spezzjoni min-naha tal-ERA fejn dak il-hin sabu lill-AC Group Limited jahdmu fuq is-sit[2]. Ghaldaqstant dakinhar inharget ordni verbali sabiex AC Group Limited jiefqu mix-xoghlijiet. Fil-15 ta' Novembru 2019 l-ERA harget bil-miktub Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' lis-Sid/Okkupant tas-sit kif ukoll giet imwahhla fuq is-sit in kwistjoni ghall-beneficcju ta' terzi (Dok. 'SG7' u Dok. 'SG12'); lil Frederick Azzopardi, Chief Executive Officer fi hdan l-Infrastructure Malta (Dok. 'SG8'); lil AC Group Ltd bin-numru ta' registrazzjoni C85930 (Dok. 'SG9') u lil Anton Camillieri obo AC Group Limited (Dok. 'SG10'). Stanley Gatt spjega ukoll li meta l-ufficjali marru sabiex iwahhlu l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita fuq is-sit sabu lil haddiem ta' AC Group Limited li dan min-naha tieghu cempel lil Anton Camilleri. Telefonikament l-ufficjal tkellem mas-Sur Camilleri fejn gie spjegat li hemm Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita. Camilleri min-naha tieghu spjega li huma gew mqabbada minn Infrastructure Malta biex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet.

Stanley Gatt ikompli jghid li l-ghada u cioe' fis-16 ta' Novembru 2019 issir it-tielet spezzjoni min-naha tal-ERA. F'din l-ispezzjoni l-ufficjali tal-ERA kkonstataw li x-xoghol baqgha ghaddej[3] u dana minkejja li fil-gurnata precedenti kienet harget l-Ordni ta' Waqfien u Konformita'.

> *"L-ghada illi twahhlet l-Stop and Compliance Order fis-16 ta' Novembru 2019 ghal habta tal-10.00 ta' filghodu marru l-kollegi tieghi Stefan Azzopardi u Grazielle Tabone u sabu illi x-xogholijiet tkomplew. Hemmhekk kien sar thaffir izjed estensiv u kien qed jitqieghed sodda tal-konkos*

---

[1] Hawnhekk isir referenza ghal dok. SG4.

[2] Ir-ritratti mehuda waqt din l-ispezzjoni qeghdin immarkati bhala 'SG5' .

[3] Ritratti ta' dan ix-xoghol jinsab ezebiet u mmarkat bhala SG13.

*Il-Qorti; Jigifieri dan qed nghidu mil-gurnata ta' qabel?*

*Xhud; L-ghada li wahhalna l-Stop and Compliance Order issir spezzjoni ohra u insibu rega x-xogholijiet ghaddejjin infragrante.*

*Il-Qorti; Sewwa jigifieri l-ghada li wahhaltu l-Stop Order f'gurnata jigifieri*

*Xhud; Hekk hu iva*

*Il-Qorti; Jigifieri x-xoghol kien sinifikanti biex intom indunajtu illi kien hemm ix-xoghol li tkompla*

*Xhud; Hekk hu u jista' jigi ikkonstatat anki issa mir-ritratti li jien ha nesebixxi jigifieri kienet saret skavar ta' materjal approximately zewg sulari u kien qieghed jitqieghed il-konkos. Ergajna waqqafnihom, nippreciza, informat mill-kollegi tieghi illi regghu dawn twaqqfu mill-kollegi tieghi Stefan Azzopardi u Graziella Tabone"*

Gatt ikompli jispjega li huwa jinsab infurmat li minkejja li l-ufficjali tal-ERA li marru fuq il-post bdew jinsistu li x-xoghlijiet ghandhom jitwaqqfu, Matthew Camilleri, li kien fuq il-post bhala supervisor ordna lill-haddiema sabiex jissoktaw bix-xoghlijiet sakemm jinforma b'dawn l-izvillupi lil Anthony Camilleri. Immedjatament wara gie kkuntatjat Anthony Camilleri u l-haddiema nghataw struzzjonijiet sabiex ix-xoghol jitwaqqaf filwaqt li Anthony Camilleri reggha spjega li huwa qieghed hemm minhabba li dawn ix-xoghlijiet gew ordnati minn Infrastructure Malta.

Is-Sur Stanley Gatt jghid ukoll li terga' ssir spezzjoni ohra fit-18 ta' Novembru 2019 fil-hdax ta' filghodu, ghal-liema spezzjoni issa x-xhud kien prezenti. Waqt din l-ispezzjoni setgha jigi nnotat li x-xoghlijiet tkomplew u adirittura reggha kien hemm il-haddiema ta' AC Group Ltd fuq il-post. Min-naha taghhom regghu cemplu lil Anthony Camilleri, li gie fuq il-post u reggha spjega li huwa qieghed hemm fuq struzzjonijiet mghotija minn Infrastructure Malta u ghamel referenza ghas-CEO Frederick Azzopardi kif ukoll ghal Perit David Vassallo. Dak il-hin Anthony Camilleri cempel lil Perit Vassallo u ghadda t-telefon lix-xhud, Stanley Gatt. Il-Perit Vassallo spjega direttament lil Gatt (fuq it-telefon) li dawk ix-xoghlijiet kienu qeghdin isiru minhabba periklu fit-triq. Gatt f'dan l-istadju jikkonferma li hu personali reggha informa u spjega l-Ordni ta' Waqfien u Konformita lil Perit Vassallo, l-qua imputat kif ukoll lil Matthew Camilleri. F'dak il-punt l-ordni giet obduta.

Gatt ikompli jispjega li iktar tard dakinhar stess u cioe' fil-hamsa nieqsin ghaxra ta' wara nofsinhar, l-ERA regghet irceviet informazzjoni li regghu ssoktaw ix-xoghlijiet. Ghaldaqstant regghet saret spezzjoni ohra (li ghaliha reggha kien

prezenti x-xhud) fejn setgha jigi kkonstatat li x-xogholijiet issoktaw. Fil-fatt kien hemm fuq is-sit l-istess haddiema ta' filghodu. Dawn regghu gew ordnati jieqfu u huma waqqfu mal-ewwel.

Fit-2 ta' Jannar 2020, Stanley Gatt jikkonferma li saret spezzjoni ohra min-naha tal-ERA fuq is-sit fejn ghalkemm ma kienx hemm haddiema prezenti setgha jigi kkonstatat li x-xoghol tkompla (referena ghar-ritratti ezebieti u mmarkati bhala SG 17). Fl-20 ta' Jannar 2020 regghet saret spezzjoni ohra mill-ERA fejn setgha jigi kkonstatat li xoghol baqgha ghaddej (referenza ghar-ritratti mmarkat SG18) u kien hemm ipparkjat fuq is-sit makkinarju ta' AC Group Ltd.

Ix-xhud ghid ukoll li flimkien ma Stefan Azzopardi huwa reggha mar fuq is-sit in kwistjoni fis-6 ta' Frar 2020 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu. Minn dik l-ispezzjoni irrizulta li l-iskavar tkompla u gie iffurmat bridge. Sar ukoll zvillup f'area li fil-korrispondenza originali bejn l-ERA u l-Infrastructure Malta f'Novembru 2018, l-ERA kienet talbet izjed informazzjoni dwarha ghaliex hasset li hija area estensiva. Din id-darba kien hemm il-haddiema fuq il-post li min-naha taghhom cemplu lil Anthony Camilleri li gie fuq il-post filwaqt li x-xhud talab l-assistenza tal-pulizija. Gatt ikompli jispjega li l-Pulizija taw il-*"caution"* lil Anthony Camilleri u Camilleri ddikjara li huwa qieghed jahdem fuq is-sit fuq struzzjonijiet ta' Infrastructure Malta. Xhud jghid li reggha spjegalu li l-Awtorita' regolatorja hija l-ERA u min-naha tal-ERA kien hemm Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita. Ghaldaqstant ix-xoghol ma setgha qatt jitkompla jekk mhux bl-approvazzjoni tal-ERA u li dina qatt ma nharget lill-Infrastructure Malta u lanqas lil AC Group Ltd.

Il-Qorti rat li mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Stanley Gatt kif ukoll mill-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Mejju 2021 jirrizulta li d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lil Stefan Azzopardi, Paul Zammit, Graziella Tabone, Jonathan Ciantar, Courtney Anne Vella u Jonathan Ciantar sabiex jiddeponu f'dawn il-proceduri filwaqt li ddikjarat is-segwenti:

> *"Difiza;.. Gatt tirrifletti dak li gara fil fatt ix-xhieda tieghi huwa Frederick Azzopardi u l-perit li qed taghmel referenza ghalihom li kienu l-hin kollu jaghtu struzzjonijiet .. jigifieri s-sinjuri l-ohra m'ghandix problema biex nezenta milli jixhdu. Huwa stat ta' fatt illi dawn il-persuni u l-kumpanija kienet tkun hemmhekk biex taghmel dawn ix-xogholijiet."*

Min-naha taghha d-difiza produciet zewgt xhieda – **Frederick Azzopardi u l-Perit David Vassallo.**

Frederick Azzopardi xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer ta' Infrastructure Malta u li hu jokkupa l-istess kariga minn Settembru 2018. Jghid li huwa jaf lil Anton Camilleri bhala wiehed mill-kuntratturi li tuza

Infrastructure Malta fix-xoghlijiet taghha, f'liema stanza huma nkarigaw lill-kumpanija tieghu AC Group Company Ltd. B'referenza ghal-irwol ta' Matthew Camilleri, Frederick Azzopardi jispjega li huwa ma huwiex konsapevoli tal-irwol preciz tieghu madanakollu kemm il-darba kien gie ma missieru Anthony Camilleri ghal xi laqghat. Azzopardi jispjega ukoll li xoghol ta' Transport Malta huwa xoghol ta' natura infrastrutturali u li dan ix-xoghol qabel kienet taghmlu Transport Malta.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Wied Qirda, Frederick Azzopardi jispjega li fl-1 ta' Novembru 2018, Infrastructure Malta kienet giet infurmata, u anke kien hareg artikolu fuq sezzjoni tal-media, li kien hemm xi perikolu gewwa Wied Qirda ghax ikkollassat parti mit-triq[4]. Huwa spjega l-ghaliex kienet saret hsara f'din it-triq, fejn prattikament kien hemm struttura li kienet giet identifikata snin qabel mill-MEPA, li dwarha harget enforcement notice izda qatt ma giet ratifikata. Konsegwentament l-ilma tal-wied kiel it-triq.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, Azzopardi spjega li wara li gew infurmati b'din is-sitwazzjoni f'din it-triq, fl-1 ta' Novembru 2018 huma kkomunikaw ma numru ta' awtoritajiet fosthom, is-Sindku, Public Works, Ambjent Malta u anke l-ERA u nfurmawhom b'*urgent method statement* bil-ghan li tigi rrimedjata l-hsara fit-triq. Ghal dina l-korrispondenza, fit-2 ta' Novembru 2018, l-ERA rrispondew il-korrispondenza mibghuta b'numru ta' kummenti u/jew gwidi li jridu jigu osservati.

Azzopardi jkompli jispjega li f'Marzu tas-sena 2019, l-Onorevoli Ministru ghall-Ambjent Jose Herrera wiegeb mistoqsija parlamentari maghmula mill-Onorevoli Godrey Farrugia rigwardanti Wied Qirda u spjega li:

> *"Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rigward ta' dan is-suggett, ir-relazzjoni kienet bjen Infrastructure Malta u l-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi. Fil-fatt, Infrastructure Malta infurmat lil Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi li kien se jsir xoghol fuq din it-triq kif dejjem jintalab mill-Awtorita' fi progetti simili."*[5]

Azzopardi jghid ukoll li xhur wara u cioe' fid-29 ta' Ottubru 2019, l-Infrastructure Malta tircievi korrispondenza minghand sezzjoni ohra gewwa l-ERA, cioe' is-sezzjoni tal-*compliance* u l-*enforcement* (meta huma originarjament kienu tkellmu mas-sezzjoni tal-permessi), permezz ta' liema gew mistoqsija jekk ix-xoghlijiet li kienu qed isiru go Wied Qirda kienux ikkummissjonati minn Infrastructure Malta. Xahar wara, l-Infrastructure Malta irceviet Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' fuq l-imsemmi sit. Ix-xhud jaghmel referenza ghad-

[4] Referenza ghal Dok. FA.
[5] Referenza ghal Dok. IM6 ipprezentat minn Frederick Azzopardi.

dicitura tal-imsemmija Ordni fejn skond hu tinftiehem li qed tinhareg Ordni ta' twaqqif izda mhux biex tieqaf izda biex ma taghmilx xoghol li mhux relatat ma dak li huwa tishih tat-triq. Azzopardi jaghmel ukoll referenza ghall-korrispondenza mibghuta f'Novembru tas-sena 2019 minn fejn jirrizulta li l-ERA lanqas kienu konsapevoli tal-Enforcement Notice li kien hareg precedentament mill-MEPA li fl-2007 l-ERA kienet tifforma parti minnu. Jaghmel referenza ukoll ghall-korrispondenza li biha kienet ikkupjata is-CEO tal-ERA, Louise Spiteri, fejn il-Perit David Vassallo jiddikjara li x-xoghlijiet huma mehtiega b'mod urgenti ghar-ragunijiet ta' sigurta.

Frederick Azzopardi jaghmel ukoll referenza ghall-korrispondenza mibghuta mill-kuntrattur Anton Camilleri fejn staqsieh jekk ghandux jissokta biex xoghlijiet fid-dawl tal-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita'. F'dan ir-rigward ix-xhud jghid hekk:

> *"Xhud: Ha mmur ghal IM24. Il-kuntrattur Anton Camilleri li qieghed hawnhekk staqsini f'Jannar qalli…*
>
> *… Kitibli email u staqsini isma' peress li l-ERA wahhlet diversi avvizi on site saqsini jekk ghandu jitkompla x-xoghol jew le. Jien infurmajtu li kellna diversi diskussjonijiet mal-ERA u allura biex jitnehha l-periklu anki fl-istop notice fl-attachment fl-email covering letter tal-istop notice stess jghidlek ghandu jitnehha l-periklu jien kont jien li tajtu l-istruzzjonijiet ikompli biex inehhi l-periklu."*

Fuq domanda tal-Qorti huwa jiccara li d-diskussjonijiet saru mas-CEO tal-ERA Louise Spiteri b'mod regolari. Tant saru diskussjonijiet li adirittura nharget *joint statement* (IM25) fejn ir-raba' paragrafu hemm iddikjarat li l-ordni ta' waqfien li harget f'Novembru ma kinitx intiza sabiex twaqqaf ix-xoghlijiet permessi mill-ligi b'referenza ghall-artikolu 70 tal-Planning Authority Act li jaghti dritt lill-Infrastructure Malta sabiex tintervjeni f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm perikolu minghajr il-htiega ta' permessi.

Fix-xhieda tieghu, Frederick Azzopardi, jaghmel referenza ghall-korrispondenza mibghuta mill-Perit Robert Musumeci lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-ghan li jinfurmah bil-periklu li jezisti f'din it-triq. In segwitu ghalhekk huwa jghid li l-Kummissarju tal-Pulizija nkariga lil Perit J. Muscat bhala l-Perit tal-Gvern li ukoll ddikjara li fuq is-sit kien hemm periklu ghall-pubbliku u rrakkomanda li din it-triq tinghalaq sakemm ikunu qed isiru x-xoghlijiet. Ghaldaqstant Infrastructure Malta giet ordnata mill-Pulizija sabiex isiru x-xoghlijiet sabiex jitnehha l-periklu.

Azzopardi jaghlaq ix-xhieda tieghu billi jikkonferma li l-kuntrattur u cioe' Anton Camilleri mexxa biss fuq l-istruzzjonijiet mghotija minghand

Infrastructure Malta, liema struzzjonijiet inghataw biss fid-dawl tal-perikolu ghall-pubbliku li kien hemm fuq is-sit sabiex dan jitnehha. Galadarba fl-ahhar mill-ahhar il-periklu huwa responsabilita' ta' Infrastructure Malta.

Id-difiza ressqet ukoll bhala xhud lill-Perit David Vassallo li jokkupa l-kariga ta' *Head of Unit* fi hdan l-Infrastructure Malta responsabbli mill-maintenance. Min-naha tieghu kkonferma li fl-1 ta' Novembru 2018, Infrastructure Malta kienet irceviet informazzjoni li triq pubblika f'parti minn Wied Qirda kienet sfrundat. Dakinhar jien mort fuq il-post. Kienet ghada kif ghamlet ix-xita fil-fatt kien hemm hafna ilma li kien ghaddej u triq kienet kollassata kompletament fil-wied. Fil-fatt huwa jiddikjara li kkonstata periklu ghal vetturi li jsuqu f'din il-parti tat-triq. Konsegwentament huwa ddikjara li dak inhar stess ghamel *method statement* minhabba t-tip ta' intervent li kellu jsir u baghtu lil Direttur tal-ERA l-Perit Piccinino. Hawnhekk ix-xhud jaghmel ukoll referenza ghall-korrispondenza mibghuta mill-ERA fit-2 ta' Novembru 2018 fejn hu jiddikjara li fehem li fid-dawl ta' dawk ix-xoghlijiet proposti l-ERA ghamlu erbgha kundizzjonijiet.

Il-Perit Vassallo jaghmel ukol referenza ghall-korrispondenza li rcieva minghand l-ERA sabiex jitwaqqfu x-xoghlijiet u huwa spjega l-ghaliex skond hu x-xoghlijiet ma setghux jitwaqqfu u dana fid-dawl tal-periklu li kien hemm fit-triq. Jikkonferma li ERA kienu saqsew lill-Infrastructure Malta jekk kienux huma li kkummissjonaw ix-xoghlijiet ghal-liema mistoqsija ghalkemm kienu rawha stramba huma kienu rrispondew fl-affermattiv. Huwa jispjega l-kuntatt li kien hemm mal-ERA li skond hu kien wiehed kontinwu. Spjega ukoll kif il-kuntrattur Anton Camilleri mexxa mal-istruzzjonijiet kollha li tathom l-Infrastructure Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-qua imputat Anthony Camilleri jinsab imputat fil-vesti tieghu personali. Jirrizulta mill-atti processwali li L-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita nharget fil-konfront ta' Anton Camilleri personalment; AC Group Limited; Frederick Azzopardi u lis-Sid u/jew Okkupant, bl-ahhar ordni tigi ukoll imwahhla fuq is-sit. L-qua imputat jidher li kien notifikat bl-imsemmija Ordni.

Il-Qorti hija sprovista minn prova dwar l-irwol preciz li l-qua imputat kellu, fi hdan l-kumpanija AC Group Limited. Ghalkemm is-sur Gatt waqt it-testimonjanza tieghu ezebixxa dokument li jidher li huwa tal-Malta Business Registry (SG11) dan id-dokument ma gie qatt ikkonfermat minn rapprezentant tal-Malta Business Registry u lanqas ma tharrek rapprezentant sabiex jixhed dwar l-irwol li l-qua imputat setgha kellu fi hdan l-istess kumpanija. Mill-atti jirrizulta ukoll li ghalkemm kien hemm ezenzjoni min-naha tad-difiza ghal

numru ta' xhieda ma kienx hemm ezenzjoni ghax-xhieda ta' rapprezentant tal-Malta Business Registry. Madanakollu jrid jinghad li mill-bqija tal-provi mressqa kemm mill-prosekuzzjoni u mid-difiza jirrizulta kjarament li l-qua imputat kien il-persuna nkarigat tramite l-kumpanija tieghu AC Group Ltd mix-xoghlijiet li kienu qed isiru fuq is-sit in kwistjoni. Mix-xhieda ta' Stanley Gatt kjarament jirrizulta li l-haddiema fuq il-post invarjabilment ikkomunikaw mieghu kull darba li marru jaghmlu spezzjoni u kien hemm diversi drabi li wara li sar dan huwa mar fuq il-post sabiex jitkellem mal-ufficjali tal-ERA huwa stess. L-istess mix-xhieda in difesa fejn kjarament jirrizulta ukoll li Infrastructure Malta kienet inkarigat lil qua imputat Anthony Camilleri sabiex jaghmel dawn ix-xoghlijiet (suggett tal-proceduri odjerni) u dana tramite l-kumpanija tieghu AC Group Ltd. Jikkonfermaw ukoll li dejjem tkellmu mieghu. Fil-fatt mill-assjem tal-provi jirrizulta kjarament li huwa dejjem agixxa f'kariga ta' manager jew minn tal-inqas bhala ufficjal tal-istess kumpanija u ta' struzzjonijiet li haddiema tieghu, l-haddiema tieghu hadu struzzjonijiet minghandu u tkellem ma Infrastructure Malta. L-irwol tal-qua imputat fir-rigward ta' dawn ix-xoghlijiet kien tali li wiehed jistgha jikkonkludi, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-agir li jistgha jkun attribwibbli lill-kumpanija fir-rigward tax-xoghlijiet fuq is-sit in kwistjoni kien kollu dettat minnu personalment u minn ebda ufficjal iehor. F'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jistahba wara l-kumpanija u jezonera ruhu mir-responsabilita' kriminali.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti jirrizulta ukoll kjarament pruvat li, minkejja li kien hemm in vigore ordni ta' waqfien u konformita', x-xoghol fuq is-sit issokta. Fil-fatt jirrizulta li saru diversi spezzjonijiet u l-prosegwiment tax-xoghol setgha jigi kkonstatat f'kull spezzjoni li saret. In sostenn ta' dan gew ipprezentati diversi ritratti fl-atti processwali odjerni. Jirrizulta ukoll li apparti li dina l-Ordni ta' Waqfien u Konformita giet notifikata lil qua imputat, kull darba li l-ufficjali tal-ERA kienu jaghmlu spezzjoni u jsibu x-xoghlijiet ghaddejjin huma kienu verbalment jispjegaw li hemm ordni sabiex ix-xoghlijiet jieqfu. Jidher li f'dawk il-mumenti x-xoghlijiet kienu jieqfu temporanjament biex jitkomplew wara li l-ufficjali tal-ERA jitilqu minn fuq is-sit. Fil-fehma ta' dina l-Qorti il-prosegwiment tax-xoghol minkejja li nharget Ordni ta' Waqfien u Konformita kjarament jirrizulta pruvat kemm mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u sa certu punt anke mill-provi mressqa mid-difiza.

Dak li d-difiza jidher li qed tikkontendi huwa li kien hemm nuqqas ta' kjarezza dwar dan l-imsemmi Ordni ta' Waqfien u Konformita. Id-difiza tibda billi taghmel referenza ghall-korrispondenza bejn l-ERA u l-Infrastructure Malta li tirrisali lura ghas-sena 2018. Permezz ta' dina l-korrispondenza Infrastructure Malta baghtet method statement tax-xoghlijiet fuq dan is-sit lill-ERA. Filwaqt li l-ERA baghtet lura lill-Infrastructure Malta diversi kummenti. B'referenza

ghal dina il-korrispondenza Infrastructure Malta jikkontendu li l-ERA tat l-awtorizazzjoni taghha ghax-xoghlijiet filwaqt li l-ERA qeghdin jghidu li huma qatt ma hargu awtorizazzjoni ghal dawn ix-xoghlijiet. Fil-fehma ta' dina l-Qorti dina l-korrispondenza hija kompletament irrelevanti ghall-mertu tal-imputazzjoni odjerna. Dana qed jinghad l-ghaliex jekk kien hemm xi dubbju dwar dak li riedet tghid l-ERA f'dik il-korrispondenza, f' Novembru 2019, l-ERA ghamlet il-pozizzjoni taghha carissima meta harget l-Ordni ta' Waqfien u Konformita'. Ai termini tal-ligi, dak l-Ordni, sakemm ma jigiex kkontestat skond id-disposizzjoni tal-ligi ghandu jigi osservat u kulhadd irid jottempra ruhu mieghu. In-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-Ordni huwa fih innifsu reat u huwa proprju dan ir-reat li bih jinsab imputat Anthony Camilleri permezz tal-proceduri odjerni. F'kaz li kien hemm kontestazzjoni dwar jekk kellux jinhareg l-Ordni ta' Waqfien u Konformita' jew le, dan kellu jsir tramite l-mekkanizzmu li tipprovdi il-ligi u mhux billi l-Ordni ta' ERA tigi ripetutament injorata bix-xoghlijiet jissoktaw.

Illi jirrizulta ukoll pruvat mill-provi mressqa, li l-imputat odjern kien qed jiehu struzzjonijiet minghand Infrastructure Malta li hija awtorita ohra pubblika. Dawn l-istruzzjonijiet kienu cari u ordnaw lill-imputat odjern sabiex jissokta bix-xoghol u dana minkejja li kien hemm in vigore Ordni ta' Waqfien u Konformita. Dina l-Qorti ma thossx li ghandha f'din l-istanza tikkummenta dwar il-legittimita o meno ta' dak li ghamlet Infrastructure Malta galadarba dan definittivament ma humiex mertu tal-proceduri odjerni.[6] Madanakollu fir-rigward tal-agir tal-imputat odjern ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu permezz ta' dawn il-proceduri, dina l-Qorti hija tal-fehma li f'kaz li l-imputat ried jikkontesta l-Ordni ta' Waqfien u Konformita fid-dawl tal-istruzzjonijiet mghotija minn Awtorita ohra pubblika u cioe' Infrastructure Malta, dan kellu jsir tramite l-mekkanizzmu legali u mhux jagixxi bi ksur lampanti ta' l-Ordni ta' Waqfien u Konformita.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak suespost, jirrizulta pruvat li

- l-imputat Anthony Camilleri kien effettivament infurmat bl-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' ghaliex mhux tali ntbaghtet l-imsemmija Ordni lill-kumpanija AC Group Ltd izda adirittura dina l-Ordni ntbaghtet ukoll permezz ta' posta rregistrata ndirizzata personalment lilu (lill-imputat) stess li giet migbura min-naha tieghu;
- Ghalkemm ma tressqitx prova dwar l-irwol tal-imputat fil-kumpanija AC Group Ltd hekk kif mizmuma fir-records tal-MBR, mill-assjem tal-provi

[6] F'dan ir-rigward Infrastructure Malta tispjega l-agir taghha fid-dawl tal-fatt li xoghlijiet kienu mehtiega b'mod urgenti l-ghaliex kienet sfrundat it-triq. Id-difiza taghmel ukoll referenza ghall ordni maghmula mill-Kummissarju tal-Pulizija f'April 2020 (f'data sussegwenti ghal dik mertu tal-proceduri odjerni) sabiex isir il-manutenzjoni necessarja.

mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza jirrizulta car li l-qua imputat kien qed jagixxi f'kariga ta' manager jew minn tal-inqas ufficjal tal-kumpanija AC Group Ltd. Tant li l-agir tal-kumpanija jidher li kien qed jigi dettat minnu personalment u minn ebda ufficjal iehor; u

- ix-xoghol fuq is-sit in kwistjoni tkompla (anke jekk fuq struzzjonijiet ta' Infrastructure Malta) u dana minkejja li kien hemm Ordni ta' Waqfien u Konformita'.

Konsegwentament, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti ser taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

Fl-ewwel lok isir referenza ghall-*joint statement* ippubblikat mill-ERA u minn Infrastructure Malta f'Jannar tas-sena 2020.

Dan l-istatement gie ippublikat wara li l-ufficjali tal-ERA ghamlu diversi spezzjonijiet fejn il-qua imputat gie ordnat sabiex jieqaf mix-xoghlijiet. Jirrizulta ukoll li wara li giet ppubblikata l-istess stqarrija stampa komplew isiru spezzjonijiet fejn l-ufficjali tal-ERA baqghu jinsistu li l-Ordni ta' Waqfien u Konformita' ghandu jigi osservat. In segwitu ghal dan skattaw il-proceduri kriminali odjerni. Dana l-istatement f'parti minnu jaqra:

> *"L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi tinnota li l-Ordni ta' Waqfien u Infurzar li harget f'Novembru li ghadda ma kinitx mahsuba biex twaqqaf ix-xoghlijiet permessi mill-ligi sabiex titranga t-triq halli terga' tkun sigura ghall-pubbliku, izda sabiex titlob li tkun infurmata fuq il-metodologija tax-xoghlijiet u sabiex tizgura tizgura li jkun hemm l-inqas impatt fuq l-ambjent tal-inhawi"*

Kuntrarjament, l-Ordni ta' Waqfien u Konformita kjarament jordna:

> *"L-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi tesigi li tieqaf immedjatament l-attivita' hawn fuq imsemmija u...."*

Minkejja li, kuntrarjament ghall-Ordni ta' Waqfien u Konformita', l-istqarrija stampa kongunta bejn l-ERA u l-Infrastrucure Malta ma ghandhiex piz u konsegwenzi legali, dina l-Qorti ma tistax ma tikkumentax li hija ferm perplessa kif Awtorita' tista' tiddikjara dan pubblikament meta taf li hemm Ordni ta' Waqfien u Konformita' mahrug minnha stess li ghadu in vigore. Din l-Qorti hija ukoll perplessa kif wara dina l-istqarrija stampa, dan l-Ordni mhux tali ma giex revokat jew minn tal-inqas emendat, izda immedjatament wara jkomplu jsiru numru ta' spezzjonijiet mill-ufficjali tal-ERA fuq is-sit fejn gie kkonstatat ksur tal-imsemmija Ordni ta' Waqfien u Konformita'. Fil-fatt Stanley Gatt jiddikjara s-segwenti fix-xhieda tieghu:

*Pros; Fuq dan is-suggett din l-Stop and Compliance Order min Novembru meta sehh*

*Il-Qorti; 2019*

*Pros; 2019 sas-6 ta' Frar sa meta ghandna l-akkuzi, giet irtirata jew kienet ghadha fis-sehh?*

*Xhud; No carament kienet ghadha in force u ahna dejjem*

*Il-Qorti; B'liema mod kienet ghadha in force*

*Xhud; Carament ghaliex qatt ma giet irtirata. Inti hrigtha u qed taghtihom struzzjonijiet kif ghandhom jahdmu u qed tghidilhom li x-xoghol huwa wieqaf*

*Il-Qorti; Iva s'hemmhekk understood kif spjegajtha li until further notice you cannot work.*

*Xhud; Daqshekk hu infatti johrog anki min kif inhi miktuba l-Enforcement Notice l-Stop and Compliance Order ittik struzzjonijiet cari ta x'ghandek bzonn taghmel.*

Dina l-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe Awtorita' li qed tagixxi ai termini tal-ligi ghandha tghaddi messagg wiehed b'mod unevwivoku. Konsegwentament, minkejja li kjarament jirrizulta pruvat il-ksur tal-Ordni ta' Waqfien u Konformita' billi x-xoghlijiet fuq l-imsemmi sit tkomplew (hekk kif gie spjegat iktar 'il fuq) dina l-Qorti ai fini ta' piena ser tiehu kont tal-fatt li l-istess ERA (l-Awtorita' li harget l-imsemmija Ordni) esprimiet ruhha pubblikament b'mod kontradittorju ghall-Ordni mahruga minnha stess u li kienet fl-istess waqt qed tipprova tenforza.

Fit-tieni lok, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li jirrizulta li l-imputat agixxa fuq struzzjonijiet ta' awtorita' ohra pubblika.

Fit-tielet lok, il-fatt li dina l-Qorti hija kompletament sprovvista mill-valur tax-xogħlijiet li saru bi ksur tal-Ordni ta' Waqfien u Konformita kif ukoll mill-prova li ir-reat tkompla ghall-iktar minn tlett xhur tenut kont li l-Ordni ta' Waqfien u Konformita inharget verbalment fl-14 ta' Novembru 2019 u bil-miktub fil-15 ta' Novembru 2019 filwaqt li l-ahhar spezzjoni saret fis-6 ta' Frar 2020.

U fl-ahhar net il-fatt li s-sit in kwistjoni fejn saru x-xoghlijiet huwa ddikjarat bhala Zona Specjali ta' Konservazzjoni u ta' importanza nazzjonali. Ghaldaqstant ghandu jigi offrut dik il-protezzjoni massima sabiex dan is-sit jigi protett u jkun jista' jitgawda mill-generazzjoni prezenti u dawk futuri.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolament 84(1)(c) tal-Kap. 549 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil qua imputat, Anthony Camilleri, hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' sitta u tletin elf Ewro (Eur. 36,000) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 1,500 fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur